# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 24 ta' Frar 2025

**Rik. Gur.Nru.: 626 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**CHP u CLP**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 12 ta' Dicembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti CHP u CLP zzewwġu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) gewwa l-Imqabba, Malta certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok A';*

2. *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar John Gambin datat sitta (6) ta' Settembru, tas-sena elfejn tnax (2012), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';*

3. *Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewġ subien, il-mibki NHP nhar il-X u NLP nhar il-Y;*

4. *Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjuġi kif jinghad fi klawzola numru erbgħa (4) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');*

5. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati sa minn Jannar tas-sena 2011 u bejn il-partijiet ma jezisti ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni, tant illi kull waħda mill-partijiet tghix ħajja totalment separata minn xulxin u għalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artiklu 66B(b) jirrizulta sodisfatt;*

6. *Illi għalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi l-partijiet qegħdin jannettu l-affidavit tagħhom, anness u mmarkat Dok 'C' u Dok 'D';*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CHP xehed** (vide affidavit fol 19) illi huma izzewgu nhar id-29 ta' Settembru 2000. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt (2) titfal, NLP li huwa maggorenni u NHP li ghadda ghall-hajja ohra. Xehed illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-6 ta' Settembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dr John Gambin. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**CLP xehed** (vide affidavit fol 20) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-29 ta' Settembru 2000 liema zwieg jgib certifikat numru 1729/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK A fol 4). Jirrizulta li l-partijiet kellhom zewgt itfal NLP illum maggorenni u NHP li ghadda ghall-hajja ohra .

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin nhar is-6 ta' Settembru 2012 (Vide Dok B a fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1729/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**